



Brussell, 17 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14229/23

ECOFIN 1050
ENV 1126
CLIMA 477
FIN 1057

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13696/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament internazzjonali għall-Klima bil-ħsieb tat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP 28) tal-UNFCCC f'Dubai bejn it-30 ta' Novembru u t-12 ta' Diċembru 2023 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Ottubru 2023)

Id-delegazzjonijiet ser isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima kif approvati mil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) li saret fis-17 ta' Ottubru 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL ECOFIN
DWAR IL-FINANZJAMENT INTERNAZZJONALI GĦALL-KLIMA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JINNOTA BI TĦASSIB is-sejbiet tal-aħħar Rapport ta' Aġġornament Annwali sa Deċennali dwar il-Klima fil-Livell Dinji tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija li fil-ħames snin li ġejjin it-temperaturi globali x'aktarx jiżdiedu għal livelli rekord u jaqbżu l-1.5 C mil-livelli preindustrijali għal mill-inqas sena. JIRRIKONOXXI l-urġenza espressa fis-sejbiet tas-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (AR6), li jenfasizza li biex it-tisħin jiġi limitat għal 1.5 C 'il fuq mil-livell preindustrijali jeħtieġ li jkun hemm l-ogħla livell fl-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra (GHG) qabel l-2025 u tnaqqis ta' 43 % sal-2030 mil-livelli tal-emissjonijiet tal-2019. JENFASIZZA l-konklużjonijiet tar-rapport AR6 li l-flussi finanzjarji globali attwali biex jiġi appoġġat l-adattament għat-tibdil fil-klima mhumix biżżejjed, u l-flussi ta' finanzjament ma jilħqux il-livelli meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-għanijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fis-setturi u r-reġjuni kollha. JISSOTTOLINJA s-sejbiet tar-rapport dwar id-disponibbiltà ta' kapital globali suffiċjenti u l-ħtieġa ta' sinjalar u appoġġ ċari mill-gvernijiet biex jitneħħew l-ostakli biex il-kapital jiġi dirett mill-ġdid lejn l-azzjoni klimatika, u biex jiżdiedu l-flussi finanzjarji għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. Ifakkar fid-deċiżjoni maqbula fi Glasgow u f'Sharm-el-Sheik biex jiġu aċċellerati l-isforzi lejn it-tnaqqis gradwali tal-enerġija mill-faħam mingħajr qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju u l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili.

2. F'dan il-kuntest, IFAKKAR li l-kisba tal-ambizzjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi teħtieġ trasformazzjoni strutturali tal-ekonomiji domestiċi u globali, is-swieq finanzjarji, u l-investimenti, lejn ir-reżiljenza għall-klima u n-newtralità klimatika.

JISSOTTOLINJA li l-Artikolu 2.1(c) tal-Ftehim ta' Pariġi, li huwa essenzjali biex jissaħħaħ ir-rispons globali għat-tibdil fil-klima, billi l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, huwa kemm għan kif ukoll faċilitatur kruċjali għall-għanijiet l-oħra tal-Ftehim. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' skambju sostantiv ta' fehmiet skont id-Djalogu ta' Sharm-el-Sheikh biex jissaħħaħ il-fehim tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2.1(c) u l-komplementarjetà tiegħu mal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Pariġi¹. Fl-istess ħin, ITENNI l-hteġa li mill-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi jiżdied punt ġdid iddedikat fuq l-aġenda dwar l-Artikolu 2.1(c) sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jiddiskutu kif jista' jintlaħaq l-għan skont dan l-artikolu. JISTENNA li jkun hemm eżitu ambizzjuż u li jħares 'il quddiem tar-Rendikont Globali fil-COP28, li għandu jinkludi sinjali qawwija għal bidla kbira tal-ekonomija globali, is-swieq finanzjarji, u l-investimenti li jintegraw it-tibdil fil-klima f'deċiżjonijiet ekonomiċi u finanzjarji fil-livell domestiku u globali, kif ukoll fil-baġits nazzjonali u s-sistema ta' finanzjament għall-iżvilupp.

¹ L-Artikolu 9 jitlob lill-Partijiet li huma pajjiżi żviluppatti, u jhegġegħ lil oħrajn, biex jipprovdu u jimmobilizzaw riżorsi finanzjarji għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih lill-Partijiet li huma pajjiżi li qed jiżviluppaw.

3. ITENNI l-appoġġ u l-azzjoni determinati tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni ambizzjuża tal-Ftehim ta' Pariġi u għall-allinjament tal-flussi finanzjarji mal-għanijiet ta' Pariġi. IFAKKAR li l-azzjoni fil-livell tal-UE, inkluż lejn il-kisba tal-Artikolu 2.1(c), hija mirfuda mis-sett komprensiv ta' politiki u għodod fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li fost l-oħrajn jinkludu r-riżorsi eżistenti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Ewropa Globali; il-programmi taħt l-Istrument temporanju għall-Irkupru NextGenerationEU; il-pjan RePowerEU; il-Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS, il-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-Programm InvestEU, b'dawn il-programmi u l-istrumenti kollha jimpenjaw 30% jew aktar tal-infiq tagħhom biex jappoġġaw azzjoni klimatika domestika jew internazzjonali. JINNOTA b'sodisfazzjon l-atti leġislattivi approvati taħt il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55%" tal-UE fl-2023, li jistabbilixxu l-politiki tal-UE f'konformità mal-impenn tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet netti tagħha ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55% sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u li tikseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 inkluż b'mod partikolari billi ssaħħaħ ir-rwol tal-ipprezzar tal-karbonju għal livelli konsistenti mal-għan tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi.
4. JISSOTTOLINJA li l-inkoraġġiment, il-mobilizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-finanzjament u l-investimenti privati huma essenzjali u komplementari għar-riżorsi u l-azzjoni pubblika għall-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima peress li s-settur privat ser ikollu jwettaq l-akbar sehem tal-investimenti meħtieġa. JINNOTA bi tħassib l-iskala ta' finanzjament privat li bħalissa tappoġġa attivitajiet mhux allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi speċjalment fis-settur tal-fjuwils fossili. JINNOTA wkoll is-sussidji u l-inċentivi oħra li għadhom fis-seħħ li jagħmlu ħsara lill-ambjent. JAPPELLA lill-atturi privati biex jallinjaw il-flussi finanzjarji tagħhom mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

JIEĦU NOTA tal-pakkett il-ġdid ta' miżuri fil-qafas ta' finanzjament sostenibbli tal-UE li għandu l-għan li jkompli jsaħħa u jiffaċilita l-azzjoni tas-setturi privati u finanzjarji lejn it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u sostenibbli sal-2050, inkluż il-proposta għal Regolament dwar il-Klassifikazzjoni Ambjentali Soċjali u ta' Governanza, Rakkomandazzjoni dwar il-Finanzjament ta' Tranżizzjoni u l-espansjoni ulterjuri tat-Tassonomija tal-UE b'attivitajiet ekonomiċi kruċjali. ITENNI li t-trasparenza dwar ir-riskji klimatiċi materjali u regolatorji hija essenzjali biex jiġu evitati impatti negattivi u tista' tippremja lil dawk bl-aqwa prestazzjoni. JENFASIZZA l-adozzjoni tal-Istandards Ewropej ta' Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà għall-kumpaniji u l-interoperabbiltà tagħhom mal-istandards bażi globali ppubblikati reċentement tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tas-Sostenibbiltà.

5. JILQA' l-ħidma reċenti tal-Koalizzjoni tal-Ministri tal-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika, inkluż ir-rapport *Strengthening the Role of Ministries of finance in Driving Climate action* (It-Tisħiħ tar-Rwol tal-Ministeri tal-Finanzi biex Jixprunaw l-Azzjoni Klimatika) li juri l-varjetà kbira ta' kif il-Ministeri għall-Finanzi jistgħu jgħinu biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politika ekonomika, fiskali u finanzjarja. JINNOTA li l-integrazzjoni tal-klima b'dan il-mod tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi privati, domestiċi u internazzjonali. JAPPOĠĠA l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Finanzi Sostenibbli tal-G20 biex jiżdied il-ffinanzjament sostenibbli b'appoġġ għall-Aġenda 2030 u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

6. IFAKKAR fl-inizjattivi tal-UE u dawk internazzjonali biex jiġu mobilizzati investimenti li jippermettu tranżizzjoni ġusta u sostenibbli, filwaqt li tiġi appoġġata l-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. JIEĦU NOTA f'dan ir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet preliminari tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar iż-żieda fil-finanzjament sostenibbli f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju u l-inkoraġġiment tiegħu ta' mudell ta' impenn strateġiku integrat tal-UE, li jinvolvi l-firxa sħiħa ta' atturi ewlenin tal-UE mill-gvernijiet tal-Istati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), l-Istituzzjonijiet ta' Finanzjament għall-Iżvilupp (DFI), id-donaturi, l-investituri tal-UE, u n-negozji tal-UE. IFAKKAR li l-UE diġà qed issegwi din it-triq permezz tal-approċċ tagħha ta' Tim Ewropa, inkorporat mill-istrateġija Global Gateway, fejn beħsiebha timmobilizza sa EUR 300 biljun f'investimenti għal proġetti sostenibbli u ta' kwalità għolja bejn l-2021 u l-2027, filwaqt li twieġeb għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab u tiżgura benefiċċji dejjiema għall-komunitajiet lokali.
7. JINNOTA li dan il-mudell strateġiku integrat jaġixxi bħala mutur ta' inizjattivi ewlenin reċenti bħas-Sħubijiet għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta mal-Afrika t'Isfel, l-Indoneżja, il-Vjetnam, u s-Senegal mas-sħab tal-G7+, filwaqt li joħloq massa kritika u jaggrega l-finanzjament għall-iżvilupp u l-finanzjament privat biex titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija lejn emissjonijiet zero netti billi jaċċellera l-irtirar bikri ta' assi b'emissjonijiet għoljin u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, filwaqt li jappoġġa tranżizzjoni ġusta għall-komunitajiet milquta. JENFASIZZA l-Inizjattiva Globali tal-Bonds Ekoloġiċi tal-UE, bil-BEI jmexxi konsorzju ta' sħab, inkluż b'mod partikolari DFIs tal-Istati Membri, li impenjaw madwar EUR 1 biljun, bl-għan li jgħinu lill-pajjiżi sħab jimmobilizzaw il-kapital privat lejn proġetti sostenibbli. JILQA' l-Inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza għalih fl-Afrika, immedja mill-UE u l-Unjoni Afrikana fil-COP27, li ser tiġbor flimkien programmi eżistenti u ġodda b'finanzjament ta' aktar minn EUR 1 biljun, fi sforz magħqud mill-Kummissjoni Ewropea u diversi Stati Membri għall-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Afrika, u JISTENNA B'INTERESS l-implimentazzjoni tagħha.

8. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn qawwi tal-UE u l-Istati Membri tagħha lejn it-tweġġ tal-mira kollettiva ta' USD 100 biljun għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima sal-2025 fil-kuntest ta' azzjoni sinifikanti ta' mitigazzjoni u trasparenza dwar l-implimentazzjoni, JISTENNA li dan l-għan għandu jinkluda fl-2023 u JĦEĠĠEĠ lill-pajjiżi kkonċernati l-oħra kollha biex iżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward. IFAKKAR li l-UE, inkluż l-Istati Membri tagħha u l-BEI hija l-akbar kontributur tal-finanzjament pubbliku għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw madwar id-dinja u JTENNI l-impenn li s-sehem li jistħoqqilhom jibqa' jingħatalhom, u l-impenn għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-finanzjament għall-klima u l-bijodiversità. ITENNI l-involvement kostruttiv tal-UE fid-deliberazzjonijiet dwar l-Għan Kollettiv Kwantifikat Ġdid (NCQG) skont il-Ftehim ta' Pariġi. JIRRIKONOXXI l-għoti ta' finanzi pubbliċi bħala komponent importanti fl-NCQG u JFAKKAR li l-NCQG għandu jiġi stabbilit fil-kuntest ta' azzjoni sinifikattiva ta' mitigazzjoni u trasparenza dwar l-implimentazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. JISSOTTOLINJA li l-NCQG għandu jirrifletti sforz globali fil-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima mis-sorsi u l-partijiet ikkonċernati kollha, pubbliċi, privati, domestiċi u internazzjonali, bil-pajjiżi żviluppanti jibqgħu minn ta' quddiem bħala parti minn dan l-isforz. JINKORAĠIXXI bis-sħiħ diskussjoni li għandha l-għan li twessa' l-bażi tal-kontributori għall-NCQG u JAPPELLA lill-Partijiet kollha għall-Ftehim ta' Pariġi biex jikkontribwixxu għal dan l-isforz globali skont il-kapaċitajiet finanzjarji tagħhom. JISSOTTOLINJA li l-NCQG għandu jiġi stabbilit fil-kuntest tal-allinjament tal-flussi finanzjarji mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u jikkontribwixxi għalih u għalhekk il-kontenut, l-istruttura u l-impatt trasformattiv tiegħu għandhom ikunu adatti għal dan l-għan.

9. JAFFERMA MILL-ĠDID id-determinazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsegwu l-appell tal-COP26 fi Glasgow biex mill-inqas jirdupjaw il-forniment kollettiv tal-finanzjament għall-klima tal-pajjiżi żviluppati għall-adattament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex b'hekk jammonta għal USD 40 biljun sal-2025, meta mqabbel mal-livelli tal-2019, skont id-data tal-OECD, fil-kuntest tal-kisba ta' bilanċ bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, f'kooperazzjoni regolari ma' Partijiet oħra. JISSOTTOLINJA l-importanza li jingħata appoġġ sinifikattiv lill-ifqar pajjiżi u komunitajiet l-aktar vulnerabbli, bħall-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS). JISTENNA B'INTERESS li jikkoopera ma' pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' adattament, inkluż permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-adattament fl-ippjanar tagħhom u fil-baġits nazzjonali tagħhom u t-traċċar ta' nefqa rilevanti għall-adattament fiċ-ċikli tal-baġit nazzjonali tagħhom, u biex jinżamm livell għoli ta' involviment mas-sħab li jistgħu jipprovdu u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament.
10. ITENNI li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu b'mod kostruttiv lejn eżitu ta' suċċess tal-ħidma b'mandat mill-COP27 dwar arranġamenti ġodda ta' finanzjament, inkluż fond, biex jassistu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli, fir-rispons għat-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u JENFASIZZA li tali assistenza għandha tiġi kkombinata ma' incettivi għall-adattament u r-reżiljenza u hija ta' importanza għal-LDCs u l-SIDS. JISSOTTOLINJA li l-arranġamenti l-ġodda ta' finanzjament identifikati jridu jiżguraw il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà mal-arranġamenti ta' finanzjament eżistenti ġewwa u barra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi.

JISTIEDEN lis-sħab mir-reġjuni kollha f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex jespandu l-appoġġ tagħhom, filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa għal varjetà wiesgħa ta' sorsi, u għalhekk jibnu fuq is-sorsi, il-fondi, il-proċessi u l-inizjattivi eżistenti u jikkomplementawhom biex jiżguraw koordinazzjoni aħjar u jagħlqu l-lakuni prijoritarji identifikati fix-xenarju ta' finanzjament eżistenti. IFAKKAR li l-Istati Membri tal-UE qed jikkontribwixxu b'mod attiv għal inizjattivi globali biex tiżdied u tittejjeb il-protezzjoni għal persuni foqra u vulnerabbli billi jipprovdu u jiffaċilitaw finanzjament miftiehem minn qabel ta' kwalità ogħla kontra diżastri relatati mal-klima.

11. Bil-ħsieb li jiżdiedu l-flussi finanzjarji globali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi kollha u b'mod partikolari tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, JAPPREZZA l-iżviluppi reċenti b'rispons ukoll għas-sejħa tal-COP27 u għal inizjattivi reċenti oħra li jħeġġu lill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) u lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali biex jirrifirmaw il-prattiki multilaterali tal-banek tal-iżvilupp, il-prijoritajiet, il-viżjoni u l-mudell sabiex tiġi indirizzata l-emerġenza klimatika globali. JINNOTA l-progress reċenti dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Evoluzzjoni tal-Bank Dinji, b'mod partikolari l-progress li sar fit-tisħiħ tal-għodod ta' rispons għall-kriżijiet. JAPPOĠĠA l-Pjan Direzzjonali ambizzjuż tal-G20 dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rieżami tal-G20 tal-Qafas tal-Adegwatezza Kapitali (CAF) tal-MDB u JIEĦU NOTA tal-marġni ta' self addizzjonali potenzjali tal-pjan direzzjonali ta' madwar USD 200 biljun matul l-għaxar snin li ġejjin abbażi tal-miżuri inizjali tal-CAF li qed jiġu implimentati u kkunsidrati, inkluż il-pakkett adottat fil-Laqgħat tar-Rebbiegħa tal-2023 li għandu jżid il-kapaċità ta' self tal-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp b'USD 50 biljun matul l-għaxar snin li ġejjin. JAPPELLA lill-MDBs biex jagħmlu aktar progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-CAF, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul tagħhom, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu robusti u l-istatus ta' kreditur preferut.

JIRRIKONOXXI l-isforzi tal-MDBs biex isegwu sforzi ambizzjużi biex isaħħu r-rispons miftiehem tagħhom għall-isfidi globali, inkluż it-tibdil fil-klima, kif muri, fost l-oħrajn, fl-okkażjoni tas-Summit għal Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid. JILQA' t-tnedija minn għaxar MDBs tal-metodoloġija komuni dwar l-allinjament ta' operazzjonijiet ġodda mal-Ftehim ta' Pariġi u t-tħabbira tal-Grupp tal-Bank Dinji ta' proċess biex jiġi integrat aħjar l-impatt tal-finanzjament għall-klima fl-isforzi ta' adattament u ta' mitigazzjoni fi proġetti ġodda.

12. JISTIEDEN f'dan ir-rigward, lill-MDBs u DFIs oħra, kif ukoll lill-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni biex jeliminaw gradwalment il-finanzjament ta' proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili mill-aktar fis possibbli. ITENNI L-APPELL TIEGĦU lill-Kummissjoni Ewropea biex tilħaq qbil fl-OECD dwar it-tmiem tal-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati għal proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili. Sakemm jintlaħaq qbil fl-OECD, IFAKKAR fl-intenzjoni tal-Istati Membri li sa tmiem l-2023 jiddeterminaw fil-politiki nazzjonali tagħhom l-iskadenzi tagħhom stess ibbażati fuq ix-xjenza għat-tmiem tal-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati għal proġetti tas-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili, sakemm ma jkunux f'ċirkostanzi limitati u definiti b'mod ċar li jkunu konsistenti ma' limitu ta' tisħin ta' 1.5 C u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. JILQA' l-modernizzazzjoni tal-Arranġament tal-OECD dwar il-kreditu għall-esportazzjoni, li joħloq aktar inċentivi għall-appoġġ ta' firxa usa' ta' tranżazzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lill-klima.

13. JILQA' l-momentum li nħoloq u JFAĦĦAR il-korp notevoli ta' prodotti u inizjattivi ta' riflessjoni pprovduti mis-Summit għal Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid, fost l-oħrajn dwar kif għandhom jiġu indirizzati ċ-ċirkostanzi ta' żieda fid-dejn, il-kriżi klimatika, l-użu aħjar ta' finanzjament konċessjonali, l-ingranaġġ ta' finanzjament privat addizzjonali għall-klima, u/jew il-ftuħ ta' sorsi ġodda ta' finanzjament għall-pajjiżi l-aktar esposti għat-tibdil fil-klima. JISTENNA B'INTERESS li jkompli jikkunsidra diversi kwistjonijiet importanti diskussi fis-summit.
14. JISSOTTOLINJA l-*Call to Action for Paris Aligned Carbon Market* (Is-Sejħa għal Azzjoni għal Suq tal-Karbonju Allinjat fuq il-Ftehim ta' Pariġi), immedija fis-Summit għal Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid, li għandha l-għan li tiżgura li jintlaħaq il-potenzjal ta' swieq domestiċi u internazzjonali tal-karbonju mfassla b'mod robust u li jkunu ta' integrità għolja biex imexxu 'l quddiem it-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet u li, jekk dan jitwettaq, jista' jiġġenera flussi finanzjarji sostanzjali għall-mitigazzjoni u l-adattament, u b'hekk jappoġġa l-għanijiet kollha tal-Ftehim ta' Pariġi. JISTIEDEN lil partijiet oħra biex jingħaqdu u jimplimentaw is-Sejħa, flimkien mal-31 firmatarju inizjali, u JFAKKAR li prinċipji simili huma appoġġati mid-Dikjarazzjoni "High Integrity Carbon Market Principles" (Prinċipji tas-Suq tal-Karbonju ta' Integrità Għolja) approvata fis-Summit tal-G7 f'Mejju 2023.
15. JITLOB lill-Kummissjoni Ewropea tipprovdi ħarsa ġenerali tal-flussi finanzjarji internazzjonali għall-klima mill-UE għas-sena 2022, inkluż mill-Istati Membri tagħha u l-Bank Ewropew tal-Investment, għall-approvazzjoni mill-Kunsill qabel il-COP28 tal-UNFCCC.